# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 5/2020

29 ta' Mejju, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' permezz ta' Microsoft Teams minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, fil-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi-Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Viċi Sindku kien għarrafha illi ma kienx jista' jkun preżenti minħabba raġunijiet tax-xogħol. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.2.1 Is-Sindku qal illi (ref 4.2 2 Triq San Gwann) kien iċċekkja ma' sid l-għalqa li kkonferma illi veru jinsab bir taħt din l-akwata pero' skont hu dan jinsab mill-bankina 'l ġewwa. Is-Sindku qal li mar fuq il-post u ħa xi ritratti u għaddihom lill-kuntrattur sabiex jaħdmu b'aktar attenzjoni meta jkunu qegħdin jagħmlu l-iscarifying tal-istess triq.

5.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa (ref punt 4.2.4 siġra mejta fil-pjazza) jekk il-Kunsill kienx ser jaqla' s-siġar l-oħra li ukoll hija mejta. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien bagħat għall-approvazzjoni minn naħa tal-ERA sabiex jinqalgħu u qal ukoll li kellu dubbji jekk il-kuntrattur kellux l-għodda neċċessarja sabiex tinqala' s-siġra li tinsab fi Ġnien Dun Karm Vella.

5.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva deċiżjoni tat-toroq alternattivi (ref punt 4.3.1 Triq il-Kaċċaturi).

5.2.4 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera illi rigward punt (4.3.5 *underground parking*) kellhom kopja tad-disinn tal-parkeġġ taħt Ġnien Dun Karm Vella. Huwa qal illi l-perit kien daħħal erbgħa u erbgħin parkeġġ u li minħabba fid-diżlivell li hemm fit-triq hemm il-possibilita' illi jkun hemm żewg livelli ta' parkeġġ. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jesplora l-possibilitajiet sabiex ningħaqdu mal-privat għaliex ovvjament il-Kunsill ma jiflaħx li jagħmel spiża kapitali biex jitwettaq dan il-proġett. Il-Kunsill qabel.

5.2.5 Is-Sindku qal illi l-applikazzjoni għal (ref punt 4.3.8 Dar tal-Anzjani) ġiet irtirata mill-applikant. Is-Sindku qal illi l-rabja tan-nies kienet kbira u ħafna kienu dawk illi daħlu oġġezzjoni. Is-Sindku qal illi fuq parir tal-avukat, peress illi ma kinitx *rejection* minn naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar imma withdrawal mill-applikant, l-objection tagħna bħala Kunsilli, Reġjun u LCA xorta kellha tintefa' sabiex tkun *on record* f'każ li l-applikazzjoni terga tintefa fil-futur.

5.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk l-animation ref punt 4.3.7 kinitx saret. Is-Sindku qal illi minħabba illi kienet taqa' taħt attivita' organizzata mill-Kunsill u kien hemm attivita' simili organizzata minn Kunsill ieħor fejn il-pulizija ħarġu ordni biex din titħħassar, ma kellniex alternattiva oħra ħlief li nikkancellawha aħna wkoll.

5.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kemm kienu ġew l-ispejjez sabiex daħħalna l-objection minħabba (ref punt 4.3.8 Dar tal-Anzjani) Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu ma rċiviex il-kont għal dan ix-xogħol.

5.2.8 Is-Sur Mark Cocker staqsa jekk ir-roundabout (ref punt 4.4.2 Triq San Gwann) kinitx ser tibqa' l-istess. Is-Sindku qal illi peress li l-karozza tal-linja jduru ma l-istess roundabout kellha tibqa' l-istess.

5.2.9 Is-Sindku qal illi (ref punt 4.4.4 rapport tal-proġett) kien bagħat permezz ta' e-mail ir-rapport tal-Perit rigward l-Embellishment ta' Ġnien ta' Ball.

5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku qal illi minħabba l-email mibgħuta mill-AKL sabiex il-Kunsilli juru l-interess tagħhom sabiex jingħalqu l-pjazez u jiżdiedu ż-żoni pedonali, huwa kien mgħarraf illi kien ser isir studju mill-Assoċjazzjoni flimkien mal-Ministeru tal-Infrastrattura, simili għal dak li ħa jagħmel il-Kunsill tagħna. Is-Sindku qal illi jissuġerixxi li l-istudju tagħna għalissa nħalluh pendenti u wara li jsir l-istudju tal-Assoċċjazzjoni għandna naraw fejn ikunu waslu u nkomplu nibnu fuqu speċifikament għar-raħal tagħna. Is-Sindku qal ukoll li l-implimentazzjoni ta' din l-inizzjattiva għandha ssir aktar faċli għaliex mhix ser tibqa' tidher bħala idea ta' Kunsill wieħed waħdu.

5.3.2 Il-Kunisllier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward l-inizzjattiva li kienet ħarġet rigward l-ispazju miftuħ u ġonna vertikali. Is-Sindku qal illi din kienet l-iskema li konna diġa'applikajna għaliha minħabba r-roundabout ta' Triq Carmelo Caruana. Is-Sindku spjega kif taħdem din l-inizzjattiva.

5.3.3 Is-Sindku qal illi kien kellmu l-Kappillan rigward il-protocol kif ser isiru l-funerali bil-quddies fir-raħal tagħna. Is-Sindku qal illi l-Knisja Parrokjali ta' Ħal Safi ma kinitx tikkwalifika sabiex isiru l-funzjonijiet fiha minħabba l-pandemija u għalhekk il-Kappillan kien identifika l-area quddiem il-Kappella ta' Santa Marija. Is-Sindku qal illi minħabba f'hekk il-Kappillan ser jkollu bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla staqsa jekk ix-xogħolijiet fuq il-ġwiebi ta' Gnien Sir Alexander Ball kinux tlestew. Is-Sindku ta spjegazzjoni rigward l-istess xogħolijiet u qalli issa wahda minnhom biss kienet tlestiet. Is-Sindku qal li biex ma jiġrilix ħsara jinħtieġ illi imqar nimlewha nofsha. Is-Sindku qal illi diġa' kien beda jiġbor xi prezzijiet u li l-irħas stima s'issa kienet għal prezz ta' 800Euros.

5.3.5 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva stedina sabiex naghmlu laqgħa ma Front Save L-Għadir (is-Sur Alexis Callus u s-Sur Saviour Sammut) biex jagħtu tagħrif dwar il-ħidma li wettqu fil-kampanja biex isalvaw l-Għadir. Is-Sindku qal illi Front Save L-Għadir kienu qed jissuġġerixxu li jiltaqgħu mal-Kunsill il-Gimgħa ta' wara. Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu li jiltaqgħu jew it-Tnejn jew il-Ħamis jew il-Ġimgħa ta' wara u li navżaw lil Viċi Sindku ukoll.

5.3.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva e-mail illi qed isiru *visers* bil-logo tal-Kunsill għal prezz speċjalita' 2.5 Euros. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna nordnaw xi ftit għal ħaddiema.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li xi ħaddiema ma kinux qed jilbsu l-vests waqt li jkunu qed jaħdmu. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien provda kull ma kien jinħtieg għal ħaddiema.

5.3.7 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva lment illi l-blokka li hemm fejn Sqaq Ħannux meta joħorġu mill-*underground parking* u jkun hemm karozza pparkjata qed isibuha diffiċli biex jidħlu u joħorġu u għalhekk kienu qed jissuġerixxu li jsiru yellow lines mal-ħajt tas-sejjieħ. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u qabel illi għandna ssir site visit qabel tittieħed deċiżjoni.

5.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

5.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla avżat lill-Kunsill illi l-Blood Donation Unit li kellhom jattendu l-Hadd 24 ta' Mejju kellhom jipposponuha għaliex kellhom Mobile Unit bil-ħsara.

5.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Area tal-Medavia – (minn Ħal Far għall-Karwija) kellha bżonn Clean Up ġenerali. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi la ma kienx hemm xi ħmieġ enormi setgħu jmorru l-ħaddiema tagħna.

5.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-isqaq ta' wara l-Knisja ukoll kellu bżonn tindifa. Is-Sindku qa illi din it-triq kienet kompitu tal-kennies u għandna ngħidu lilu.

5.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi kien hemm e-mail tistieden il-Kunsill sabiex jiehu sehem fl-ewwel *Webinar għall-EUCF*. Is-Sindku qal illi min kien jixtieq jirreġistra kellu jgħid lis-Segretarju Ezekuttiv.

5.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward l-email rigward il-Codes tal-microchipping tal-istray cats. Is-Sindku spjegailli l-Kunsil ltagħna ma kienx ħa xi fondi sabiex isir dan u qatt ma sar neutering mill-Kunsill,għalhekkil-Kunsill ma kienx obbligat li nirregistraw il-qtates.

5.5.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li f'laqgħa preċedenti kien talab sabiex it-tabella li kien hemm fejn il-borehole terġa' teħel. Is-Sindku qal illi konna ser niċċekjaw jekkk initix fil-garaxx u jekk le nordnaw oħra.

5.5.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-lista ta' siġar sabiex jinżabru ma kinitx saret kollha. Is-Sindku qal illi l-Kuntrattur kien avżah illi ċertu siġar ma kienx laħaqlu c-*cherry picker*.

5.5.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi School Street kien hemm tabella li tindika li hemm diversion għal Hal Kirkop. Is-Sindku spjega li dawn kienu saru minħabba x-xogħolijiet li kienu ser isiru fi Triq San Gwann u li għalissa l-aħjar li nħalluhom.

5.5.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fejn il-Ġnien ta' Ball kien hemm arblu mmarkat imma l-arblu kien bla bozza. Is-Sindku qal illi issa li kienet weħlet it-tabella għandna nħalluha.

5.5.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi wieħed mill-fanali li hemm fejn iċ-ċimiterju jistgħu jagħmlulu pjanċa l-ħaddiema tagħna għaliex għandu dubbju kemm jista' jinqala'. Is-Sindku qal li ser jistaqsi lil wieħed mill-ħaddiema.

5.5 Rapporti

5.5.1 Approvazzjonital-Financial statements 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tressaq il-Financial Statements tal-2019 għal approvazzjoni tal-Kunsill u li t-Tnejn kellha tmur bihom għand l-Awdituri sabiex jilħqu jaslu l-NAO. Il-Kunsill approva l-Financial Statements 2019.

5.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) li nkitbet mill-Awdituri dwar nuqqasijiet li nstabu fl-operat tal-Kunsill lil Kunsilliera. Il-Kunsill ddiskuta din l-ittra.

Approvazzjoni tal-First Quarterly Financial Report 2020 (Jannar – Marzu 2020)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ewwel Quarterly Financial Statements Q1 (Jannar – Marzu 2020. Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

5.6 Sejħa għal Attendant għal Ġnien ta' Ball

Is-Sindku qal illi la jitlestew ix-xogħolijiet fi Ġnien Sir Alexander Ball ikun jinħtieġ illi xi ħadd jieħu ħsieb l-istess ġnien. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi l-impjegat għandu jkun fuq bażi ta' part time, għandna nkunu speċifiċi x'ser ikunu d-dmirijiet tiegħu u l-budget ta' kemm il-Kunsill lest li jħallas għal dan is-servizz.

5.7 Kuntratt għal Street Sweeping

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet fil-ħtieġa illi noħorġu l-kuntratt għas-Servizz tal-knis għaliex dan kien skada. Hija qalet illi kienet qed taħdem fuq l-istess kuntratt u hekk kif tlestih kienet ser tgħaddih lill-Kunsilliera għas-suġġeriment tagħhom. Is-Sindku qal illi jissuġerixxi illi għandna nżidu l-parti ta' quddiem Ġnien ta' Ball din id-darba. Il-Kunsill qabel.

5.8 Kuntratt għar-Restawr tar-Rubble Walls

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi dak inhar kienet ippubblikat il-Kuntratt għal restawr tal-Ħitan tas-Sejjieħ sabiex nimplimentaw il-proġett tar-restawr tal-ħitan tas-Sejjieħ.

5.9 Proġett Triq Carmelo Caruana (Roundabout)

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għaddiet lill-Kunsilliera l-proposti tal-Perit sabiex nagħmlu t-tisbiħ tar-roundabout li hemm fi Triq Carmelo Caruana. Hija qalet illi l-ewwel proposta li fiha l-ġibjun kienet għolja wisq u l-Kunsill ma kienx jiflaħx sabiex jagħmel din l-ispiża kapitali u għalhekk għandna nikkunsidraw it-tieni proposta. Hija qalet ukoll illi 121,224.60 Euros xorta hemm lok fejn nistgħu nnaqqsu l-ispiża sabiex ma jkunx ta' piż kbir fuq il-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel illi sabiex jonqsu l-ispejjeż issir cascade tal-ilma wieħed u titnehha l-jet fountain, ma jsirx syntetic turf u li rridu nsibu soluzzjoni sabiex ma taqax il-ħamrija.

5.10 Fuljett Awwissu 2020

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kunsilliera għandhom jibdew jaħsbu sabiex jlestu l-artikli għall-fuljett tal-Kunsill sabiex ikollna biżżejjed żmien sabiex jiġi ppubblikat.

5.11 Korrispondenza

Il-Kunsillier iddiskutew xi punti mill-korrispondenza.

5.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

5.13 Tmiemtal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-9.25pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nharl-Erbgħa 24 ta' Ġunju, 2020, fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |